


# Il-Banda Ottomana f'Bormla fi żmien l-Assedju l-Kbir

**Minn Dr. Simon Mercieca**

Il-Belt ta' Bormla mhix assoċjata wisq mal-Assedju l-Kbir minħabba li l-istorja dejjem inkitbet mir-rebbieħa jew minn dawk li jaħsbu li rebħu l-gwerra. Iżda Bormla kienet waħda mill-postijiet kruċjali f'dan l-assedju. Bħall-Għolja Xiberras, l-inħawi ta' Bormla ttieħdu mill-armata Ottomana. L-aqwa ġenerali tal-Ottomani kellhom it-tined u dderiġew l-attakki minn fuq l-Għolja ta' Santa Margerita kontra l-Birgu u Forti San Mikiel.

It-Torok indunaw bil-valur strateġiku ta' dan il-post medjevali. F'Bormla qegħdu numru ta' kampijiet militari u fiha għamlu x'uħud mill-aħjar artillerija li kellhom. Saħansitra għamlu mappa ta' Bormla, li riċentament kienet ippubblikata minn Albert Ganado fil-ktieb tiegħu ta' Mapep tal-Assedju l-Kbir. Din il-mappa hija waħda mill-aktar mappi importanti li qatt instabu sa issa dwar l-Assedju l-Kbir.

## L-element mużikali

Iżda hemm element importanti assoċċjat ma' dan l-assedju li sal-lum qatt għadu ma ġie diskuss u li jagħmel minn Bormla, omm il-baned kollha. Huwa fatt storikament rikonoxxut universalment, li kunċett tal-baned militari fl-Ewropa ġie mibni fuq il-baned militari tal-Imperu Ottoman. Il-baned tagħna huma riżultat tal-influwenza ta' dawn il-baned militari Ewropej, b'mod partikolari l-mudell Ingliż u dak Taljan fuqna.

Il-banda Ottomana żviluppat minn dik tal-armata magħrufa bħala l-Ġannizzeri. Dawn kienu l-korp tal-elit tal-armata Torka u kienu l-aktar suldati qalbiena li kellu l-Imperu Tork u l-lealtà tagħhom kienet direttament lejn is-Sultan Ottoman. Huwa fatt magħruf u anki rikonoxxut li l-Ottomani ġabu l-banda jew baned magħhom biex jakkumpanjaw lill-Ġannizzeri matul il-ġlied tagħhom waqt l-Assedju l-Kbir. Hu magħruf u anki ddokumentat li l-banda tal-Ġannizzeri kienet attiva ħafna fid-daqq tagħha matul l-assedju, speċjalment fl-attakki li saru fuq il-Birgu minn

Bormla. Matul l-assedju, il-banda tagħhom għaddiet kemm-il darba mit-toroq ta' din il-lokalità. Giacomo Bosio stess jitkellem dwar din il-banda u s-sehem tagħha fl-Assedju l-Kbir.

Lil hinn mill-ewforija u diskorsi trijunfali ta' gwerra, fuq livell bandistiku, Bormla kellha matul dan l-assedju uħud mill-aqwa mużiċisti Ottomani kif ukoll uħud mill-aqwa strumenti li pproduċa dan l-Imperu Ottoman.

**X'kienu l-istrumenti tal-banda Ottomana?**

L-istrumenti tal-banda tal-Ġannizzeri kienu kif ġej. Din hija banda li titmexxa mill-elementi tal-perkussjoni. Għalhekk l-istrument prinċipali huma l-kös. Dan hu magħmul minn żewġ timpani kbar ħafna. Il-bandist kien iħabbat fuqhom biex iżomm il-*beat* u r-ritmu tal-banda. Jista' jitqies bħala l-ekwivalenti tal-katuba fil-baned tagħna. B'hekk wieħed jifhem għala l-katuba fil-baned tagħna tmexxi l-banda. Bħal fil-banda Ottomana, il-baned tagħna għandhom katuba waħda. Il-banda Ottomana kellha kös wieħed. B'hekk l-element tal-katuba fil-baned Maltin finalment imur għall-banda Ottomana.

Wara dan l-ispeċi ta' strument magħmul minn żewġ timpani kbar jiġi dak li jissejjaħ il-*nakare*. Dan hu speċi ta' *kettledrum* jew timpani żgħir. Il-banda kien ikollha numru minnhom. Imbagħad hemm id-*davul*. Dan hu ekwivalenti għall-*bass drum*. Ukoll kien ikollhom numru minnhom. Imbagħad kien jiġi z-*zil* li huma speċi ta' ċimbli. Warajhom hemm il-*kaba zurna,* li huwa strument tan-nifs qisu l-flejguta tagħna, imma ikbar. Hu jagħmel ħoss ta' baxx. L-istrument tar-ramm kien jissejjaħ *boru*. Dan kien forma ta' trumbetta mingħajr valvi. Infatti, il-kelma *Boru* għandha l-għeruq tagħha fil-kelma Latina – *cornu*. Il-kelma kurunetta – kif it-trumbetta hija magħrufa fost il-bandisti tagħna, ġejja wkoll minn din l-istess kelma Latina. Il-qarn tal-barri – dan hu dak li tfisser il-kelma *cornu* – kien jintuża bħala strument mużikali u kien jindaqq bħall-kurunetta. Hawn għandna l-oriġini ta' dan l-istrument u l-isem tiegħu. Kemm fil-mużika tal-Ottomani u anki f'dik tal-punent dan għandu l-istess isem.

Il-banda Ottomana għandha wkoll iċ-*cevgen*. Dawn kienu qniepen jew ġnieġel imwaħħla ma' stikka. Dan hu strument importanti tal-perkussjoni. Dan l-istrument kien magħmul minn qasba u fuqu kien ikun hemm moħbija qniepen u ġnieġel li kienu jindaqqu billi l-bandisti jdawru l-lasta

fuq idhom. Dan it-tip ta' strument rajnieh riċentament jerġa' jiddaħħal fl-element tal-perkussjoni fost il-baned tagħna u nsejħulha ċekċieka.

Id-daqq taċ-ċekċieka huwa element Orjentali li kien jinsab fil-knisja Ortodossa u anki ddaħħal fil-passat fil-liturġija tal-Knisja Kattolika. Iċ-ċnieser, per eżempju, kien ikollhom il-ġnieġel magħhom. Dawk tal-Knisja Biżantina – jiġifieri Ortodossa – għadhom sal-lum bil-ġnieġel magħhom. Kienu jaħsbu li d-daqq tal-ġnieġel kien ikeċċi x-xjaten. L-istess element kellhom il-ġnieġel maċ-ċensier – li baqa' fir-ritwal tal-Knisja Kattolika, billi l-qassis ifittex li jħabbat iċ-ċensier mal-ktajjen tiegħu. Il-ħoss tagħhom – kien jitqies li jkeċċi x-xjaten minn fuq l-artal. Mal-qasba ta' dan l-istrument kien ikun hemm marbuta l-ġnieġel magħmula mix-xagħar taż-żwiemel. Kien ikun hemm żewġ għenieqed xagħar, wieħed fuq kull naħa.

Il-banda Ottomana kienet ikklassifikata skont in-numru ta' mużiċisti ta' kull strument li kienu jikkomponuha. Kien hemm dik ta' sitt ringieli mill-istess strument, (*altı katlı*), dik ta' sebgħa, (*yedi katlı*), jew dik b'disa' (*dokuz katlı*). L-Ottomani kienu jfittxu l-armonija anki fin-numru ta' strumenti.

## Kif oriġinat din il-banda Ottomana?

L-Ottomani wirtu dan it-tip ta' daqq minn żewġ imperi kbar. L-ewwel imperu kien dak Persjan, għalhekk l-ewwel elementi huma dawk ta' oriġini Persjana. L-elementi qodma ta' din il-banda huma Persjani. Il-Persja tinsab fl-Iran tal-lum. Sal-lum, dawn il-baned tal-Ġannizzeri huma magħrufa bħala *mahtar,* li hija kelma Ottomana li ġejja mill-Persjan. *Mahtar* tfisser bandist bit-Tork, waqt li l-banda kienet ukoll magħrufa bħala *mehterân*. *Mehterân* huwa l-plural ta' *mahtar,* jiġifieri bandisti.

Iżda l-ikbar kambjament iseħħ wara li l-Ottomani jerbħu l-belt ta' Bizantium jew Kostantinopli – illum Istanbul, li kienet belt t'oriġini Rumana u sal-1453 kienet mitqiesa bħala l-kapitali tal-Imperu Biżantin. Il-Biżantini kienu l-Griegi li komplew l-Imperu Ruman. Kif rajna, l-element tar-ramm ittieħed mingħand il-Biżantini, bħalma l-istess kelma *cornu* tixhed.

Illum din il-banda tal-Ġannizzeri ddoqq biex tfakkar l-erojja tal-armata Ottomana. Fuq kollox, mhux dan hu l-element li llum l-baned f'Malta qegħdin jippropagaw, dak li jkunu l-baned tal-erojja tal-belt jew raħal tagħhom?

**Meta kienu jdoqqu?**

Dawn il-mużiċisti, jew aħjar bandisti, kienu jdoqqu biex jiċċelebraw il-vittorji tal-Ottomani u anki biex jakkumpanjaw lill-istess armata Ottomana, prinċipalment il-Ġannizzeri, fl-attakki tagħhom. Għalhekk kien hemm il-preżenza massiva tagħhom waqt dan l-assedju ġewwa Bormla.

Din il-banda kienet maħsuba biex iġġib biża' f'dawk li kienu qed jisimgħu d-daqq tagħha u tqawwi b'kuraġġ lis-suldati li kienu ser ikunu qed jattakkaw, li ħafna minnhom, speċjalment dawk li kienu fuq l-ewwel filliera kienu jkunu ddestinati għall-mewta ċerta. Kienet timxi b'mod kompost lejn il-post tal-battalja. Kienu jiżfnu u ħafna mill-mużiċisti, bħas-suldati Ġannizzari kienu jkunu taħt l-effett tad-droga, li kienu jieħdu, billi jpejpju l-ħaxixa jew l-opju.

Fuq kollox, din il-banda kellha wkoll l-iskop, li wara l-attakk, kienet iddoqq, speċjalment, fil-perjodu tal-mistrieħ biex isserraħ lis-suldati u tagħtihom ftit divertiment. F'dan il-mument, il-banda kienet tieħu l-forma ċirkulari, jiġifieri forma għat-tond, bl-istrumenti kollha miġbura flimkien, jiġifieri l-mużiċisti li jdoqqu strument ikunu ħdejn xulxin. Normalment dawn kienu jdoqqu wara t-talba ta' wara nofsinhar.

Ir-ritmi mużikali, għalhekk, kienu jvarjaw ħafna skont l-okkażjoni jew għala l-bandisti kienu qed jintalbu biex idoqqu. Jekk id-daqq kien ikun għal waqt xi attakk, il-ħsejjes mużikali kienu jkunu bbażati ħafna fuq l-element tal-perkussjoni. Ir-ritmu tal-perkussjoni kien ikun maħsub biex jakkumpanja t-tvenvin tal-kanuni.

Il-ħoss tal-istrumenti tal-qasba kien jibbaża ħafna fuq l-element kiebi tagħhom. Dan kien ivarja jekk kienx jindaqq bħala mod ta' rikreazzjoni wara xi attakk qawwi jew inkella matul l-attakk innifsu. Magħhom kien jiżdied il-perkussjoni, speċjalment iċ-ċekċieka, magħmula minn qniepen żgħar jew ġnieġel. Kellhom ħoss kiebi, iżda trijunfali li jfakkrek kważi fil-mużika li tindaqq f'Malta fil-Ġimgħa l-Kbira.

Giacomo Bosio jitkellem f'terminu ta' strumenti tan-nifs tal-Ottomani. Fit-termini tas-seklu sittax, tifsira bħal din kienet tfisser li qed jitkellem kemm dwar l-istrumenti tal-qasba u anki tar-ramm. Żgur li dawn kienu qed iħallu l-effett tagħhom ta' biża' fuq il-Maltin u l-Kavalieri assedjati wara s-swar. Dan jikkonferma l-livell għoli li l-banda Ottomana kellha fil-livell performattiv tagħha.

Id-daqqaqa kienu mistennija li jimxu fil-furmat ta' banda waqt li jiżfnu

u jdoqqu. Id-daqqaqa kienu jkunu kollha rġiel. Kif ġa rajna, l-element tar-ramm kien magħmul minn kurunetti mingħajr valvi. Magħhom jingħaqdu t-tnabar u l-platti u dawn kienu joħolqu l-element ta' perkussjoni. Wieħed jinnota f'din il-formazzjoni n-nuqqas ta' strumenti tal-korda, element importanti fil-mużika orjentali. Iżda l-Ottomani neħħew il-korda mill-banda u b'hekk kienu huma li ħolqu dan il-kunċett ta' banda li llum f'Malta hu assoċjat tant mal-festi Kattoliċi tagħna.

**Kif kienet timxi l-banda?**

L-ewwel li kien jimxi kien is-surmast tal-banda. Is-surmast jew mexxej tal-banda kien jissejjaħ *çorbacıbaşı*. Hu kien jilbes kappell qisu barnuża wieqfa li fiha kien ikollha x-xagħar mid-denb taż-żiemel. Ix-xagħar taż-żiemel kien sinjal ta' ġerarkija fl-armata Ottomana. Is-surmast kien iżomm ir-ritmu permezz tal-bastun jew ħatar li kien ikollu f'idu. Dan l-element narawh jiġi żviluppat sew meta ġie kkuppjat mil-baned militari tal-Punent u wara anki, daħal fost il-baned tagħna.

L-idea, per eżempju, li fil-kulleġġ tal-kanoniċi jkun hemm kantur – jiġifieri dak il-kanoniku li jġib dan l-isem – li kien inkarigat fil-passat biex imexxi l-kant tal-kor. Illum narawh iġorr speċi ta' virga fuq spalltu iżda spiċċa kull element ta' mużika marbut ma' din il-kariga. Oriġinarjament din il-virga kienet il-"baton" jew ħatar li fil-medjuevu, is-surmast jew patri li kien jieħu ħsieb il-kor kien iżomm f'idu u jagħti r-ritmu billi jħabbat il-bastun mal-art.

Fil-banda Ottomana, dan ir-ritmu kien jinżamm billi s-surmast ixejjer il-ħatar jew aħjar imexxih fl-arja. Fuq kollox, il-ħatar żgħir li naraw f'idejn is-surmast tal-banda, meta jidderiġi l-banda fuq il-planċier mhi xejn għajr l-istess ħaġa, bid-differenza li issa hija iżgħar, iżda qed jagħmel l-istess bħalma kien jagħmel il-kantur fil-korijiet medjevali tal-Knisja jew is-surmast tal-banda tal-Ġannizzeri.

Warajh kienu jimxu l-irġiel li jġorru l-istandard jew standardi militari. Dawn kienu jimxu fil-ġnub tal-banda.

Imbagħad kienu jimxu l-bandisti taċ-*çevgan,* jew dawk il-bandisti li jżommu l-lasti bil-ġnieġel. Peress li kienu jaħsbu li d-daqq tal-ġnieġel kien ikeċċi x-xjaten, dawn id-daqqaqa kienu jimxu l-ewwel ħalli jwarrbu x-xjaten li l-għedewwa tagħhom kellhom jaqbżu għalihom. Għall-Musulmani, ix-xjaten kienu mal-insara. B'hekk, permezz ta' dan id-daqq, ċ-*çevgan* setgħu jassiguraw ir-rebħa fil-battalja.



*Tpinġija Ottomana li turi l-Ġannizzeri u d-daqqaqa tad-davul jew tnabar u l-kaba zurna speċi ta' fjeguti fuq quddiem*

Wara dawn l-irġiel iġorru dawn il-qasab bil-ġnieġel, kienu jimxu l-istrumenti tal-qasba. Warajhom jiġu tar-ramm u mbagħad dawk tal-perkussjoni, il-platti u t-tnabar warajhom. Il-Ġannizzeri kienu jkunu mistennija li jkantaw u jakkumpanjaw dan id-daqq tal-mużika waqt li jkunu sejrin jattakkaw.

Dan il-format jixbaħ ftit jew wisq lill-istruttura li naraw illum fil-baned tagħna, bid-differenza, li l-kant ma jsirx wara l-banda iżda llum naraw il-briju jsir quddiem il-banda.

Naħseb li r-riċerka tista' turi li dan il-format tal-banda – li aħna narawh fostna hu format mediterranju u jaf l-oriġini tiegħu lil dawn l-armati ta' baned Ottomani li mbagħad ġie żviluppat sew fil-baned Taljani. Aħna xrobna mill-baned Taljani – aktar milli minn dawk Ingliżi li l-baned militari tagħhom kienu jsegwu format ieħor. Normalment l-istrumenti tar-ramm kienu jiġu l-ewwel fil-furmat Ingliż.

B'hekk mingħajr ma forsi nafu, l-oriġini tal-baned tagħna jrid jiġi mfittex lil hinn mill-Italja u fl-Imperu Ottoman. Mingħajr qatt ma tajna kas, Malta kienet ġa ġiet wiċċ imb'wiċċ mal-format tal-banda, meta

l-Ġannizzeri kienu f'pajjiżna u għal tliet xhur sħaħ daqqew f'Bormla. Iżda minħabba li għal sekli sħaħ rajnihom bħala għedewwa, ma stajniex napprezzaw il-valur tagħhom, anki jekk kienu ġew f'pajjiżna. Minflok, kienu popli oħra, peress li ma kellhomx preġudizzji storiċi kontra t-Torok, setgħu japprezzaw il-kobor ta' dan il-format mużikali u żviluppaw fihom il-banda moderna. Imbagħad, għax dan il-format ġie żviluppat fid-dinja Taljana, ma ddejjaqniex indaħħluh f'pajjiżna mingħajr ma rrealizzajna, li dan kien ġa fostna, b'mod qawwi f'Bormla matul it-tliet xhur tal-Assedju l-Kbir.

**Konklużjoni**

Anki jekk aħna, li mdorrijin nitkellmu b'uforija fuq l-Assedju l-Kbir, bħala xi rebħa tal-Maltin, wieħed irid iżomm f'moħħu, il-kliem tal-opra politika Ġensna. L-Assedju l-Kbir kien gwerra oħra fejn il-Maltin iġġieldu u mietu għall-barrani. Lil hinn mill-gwerer u l-istrateġiji passati, għandna nfittxu f'dawn l-avvenimenti storiċi tal-passat dawk l-elementi li jagħmluna bnedmin u naħseb li l-mużika, kienet u għadha, element ta' għaqda milli ta' firda bejn il-popli.

Dak li hu importanti għall-istorja mużikali tagħna hu li kien matul dan l-Assedju li għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta, banda kbira u importanti daqqet f'pajjiżna u din daqqet f'Bormla.

Għalhekk matul dan l-assedju, Bormla kellha fiha waħda mill-aqwa baned tad-dinja mediterranja. Ma kinetx ġiet f'Malta fuq xi stedina kulturali, iżda bħala element ta' gwerra. In-nies ta' dak iż-żmien ftit li xejn apprezzawha, għaliex kienet il-banda tal-għadu. Illum, 550 sena wara, nistgħu nħarsu lejn dawn l-avvenimenti b'għajnejn ftit differenti. It-Turkija llum hija parti mid-dinja Ewropea.

B'hekk jekk kien hawn post f'Malta, li jista' jiftaħar, li l-baned bdew idoqqu fi ħdanu, dan il-post huwa Bormla u dan huwa grazzi għall-Imperu Ottoman.

# Il-Mużika hija l-Lingwa Super Internazzjonali